MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 7/2006

**Charles u Maryrose konjugi Camilleri**

**vs**

**Maria Concetta Polidano**

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta’ mitt lira Maltija (Lm100) rapprezentanti hlas ghal tiswijiet mehtiega fil-fond ossia garaxx bin-numru 6 Triq Schreiber Paola, liema hsarat gew kagonati minn leakage u sklular ta’ ilma fil-propjeta tal-konvenuta sovrastanti l-garaxx ta’l-atturi.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet inter alia l-prescrizzjoni ai termini ta’l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra x-xhieda ta’ l-attur u l-konvenuta, u ta’ Raymond Azzopardi u Rina Pace.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra

Jirrizulta mill-atti li l-konvenuta tokkupa fond li huwa sovrastanti ghal garaxx propjeta ta’l-atturi. Jirrizulta ukoll li fis-sena 2000 kien qed jiskula xi ilma mill-propjeta tal-konvenuta ghall-propjeta ta’l-atturi. Il-konvenuta ghamlet ir-riparazzjonijiet li dehrilha opportuni u serrhet mohha li l-problema kienet risolta stante li ghal zmien twil l-attur qatt ma rega’ ilmenta maghha.

Ghal habta ta’ Frar tas-sena 2005 l-attur ra li mill-post fejn kien skula l-ilma kienu qed jaqaw bicciet ta’ konkos. L-attur huwa tal-fehma li dan il-konkos qed jaqa minhabba li meta skula l-ilma ixxarbet ix-xibka bil-konsegwenza li issaddet u ghalhekk faqqa il-konkos.

Ghalkemm l-attur ma kienx car fid-dati u fis-segwenza tal-fatti ezami ta’l-atti kollha ma jhalliex dubbji dwar dan il-kwadru ta’ fatti.

Il-konvenuta tikkontendi li ladarba ghaddew aktar minn sentejn, minn meta kien qed jiskula l-ilma sa kemm giet intavolata l-kawza odjerna, t-talba attrici hija preskritta. L-atturi minn-naha l-ohra jikkontendu li huwa irrilevanti meta skula l-ilma ghaliex l-importanti huwa meta sehhet il-hsara. Huma jissottomettu li l-perjodu ta’ preskrizzjoni relevanti ghal kaz in ezami beda jiddekorri meta faqqa l-konkos u waqaw bicciet minnu.

Il-kwistjoni minn meta ghandu jibda jiddekori l-perjodu preskrittiv hija wahda li giet dibattuta sew fil-gurisprudenza taghna pero jidher stabbilit il-principju li *contra non valentem agere non corrit prescriptio*. Huwa stabbilit ukoll li dan il-principju jirreferi biss ghall-impedimenti legali u mhux ghal-non-konsapevolezza tad-drittijiet a bazi ta’ liema wiehed jista’ jipprocedi. (ref Bugeja vs Gauci

28.11.2002 Prim Awla; Harwood vs Aquilina 27.01.03 Prim Awla, u l-iskorta ta' sentenzi hemm kwotati)

Il-Qorti ta' l-Apell ukoll kellha l-opportunita li tikkunsidra dawn il-principji fil-kuntest ta' kawza ghad-danni minhabba skular ta' ilma, u qalet hekk: *Din il-Qorti tifhem ukoll illi f'materja ta' perkolazzjoni ta' ilma … fejn il-hsara timmanifesta ruhha ferm bil-mod ma kienx facli biex wiehed jistabbilixxi meta effetivament id-danneggjat seta japprezza l-gravita tal-problema u f'kull kaz bhal din id-decizjoni tal-Qorti kellha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qieghda tiddekjorri l-preskrizzjoni. Dan ukoll anke b'l-applikazzjoni tal-principju contra non valentem agere non corrit prescriptio*. (Abela vs Cassar Appell Civili 14.01.2002).

Tenut kont ta' dawn il-principji jidher li l-perjodu preskrittiv fil-kaz in ezami kellu jibda jiddekorri meta beda jfaqqa l-konkos u konsegwentement l-azzjoni attrici giet proposta entro termine.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta u jiddeciei billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.

Spejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------